**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 46

Il-Gimgha, 30 ta' Mejju, 2014

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, il-Vici President, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sinj. Rita Borg, Vici Sindku B'Kara, is-Sur Domnic Cassar, Kunsillier San Gwann u s-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 45 li saret nhar l-Erbgha, 23 ta' April, 2014, kienu approvati unanimament.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Progetti Proposti mill-flus ta' l-LES***
Wara li saret diskussjoni dwar il-progetti proposti minn xi Kunsilli Lokali, il-President sekondat mill-Vici President ressaq mozzjoni sabiex dawn jigu approvati. Il-membri approvaw unanimament din il-mozzjoni.

Is-Sur Max Zammit staqsa jekk b'dawn il-fondi, il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex jistghax jixtri van ghall-uzu generali tal-Kunsill. Huwa qal li fuq dan il-van jista' jigi indikat li dan inxtara minn fondi tar-Regjun. Il-membri kollha tar-Regjun qablu ma' din il-proposta izda jkun ahjar jekk tingieb konferma mis-Sur Michael Cohen.

Il-President heggeg biex min ghadu min ma pprezentax progett, jaghmel dan fl-iqsar zmien.

***Green wardens***
L-Authorised Officer informa li l-Agenzija tal-gwardjani ma kelliex nies kapaci bizzejjed sabiex jaghmlu x-xoghol ta' *green wardens* biex ir-Regjun ikun jista' jzid rotta ohra. Madankollu il-Kunsilli regghu intalbu jibghatu identifikazzjoni fejn jixtiequ li juzaw il-green wardens.

**IMPJEGATI TAR-REGJUN FIT-TRIBUNAL LOKALI**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li r-Regjun gie nfurmat li minhabba zjieda li kien hemm fin-numru ta' Kummisarji tal-Gustizzja u tibdil kif is-seduti ghandhom issa jibdew jinqasmu, ser tidhol gurnata ohra fejn fiha jridu jibdew isiru s-seduti. Dan ser izid kemm ix-xoghol fuq l-impjegati tar-Regjun kif ukoll spejjez ohra relatati. Ix-xoghol ta' l-impjegati tar-Regjun Centru fit-Tribunal komparat ma' dak ta' Tribunali ohra huwa diga voluminuz. B'dawn it-tibdiliet se jsir aktar. Ghalhekk huwa kien kiteb ghall-permess tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal zjieda fl-impjegati, sabiex jekk ikun hemm qbil mir-Regjun, ikun jista' jibda l-process immedjatament. Din it-talba ghadha ma ntlaqatx u minflok ir-Regjun gie mitlub biex jittermina l-impjieg ta' zewg impjegati part-timers li lahqu u ghaddew l-eta` ta' l-irtirar. Minhabba li l-impjegati tar-Regjun gew assorbiti fis-settur pubbliku, ghandhom jigu segwiti r-regoli tas-settur pubbliku f'dan ir-rigward. Dan kien se jaghmel is-sitwazzjoni aghar, tant li l-AO qal li jekk isir hekk, hemm ic-cans li jintilfu xi kazijiet.

L-Agent Seg. Ezek. qal li temporanjament qed jipprova jgib xi studenti biex jghinu fl-ufficcju. Din hi biss mizura temporanja u mhux biex tissostitwixxi l-bzonn ta' zjieda fl-impjegati.

Il-Vici President qal li r-Regjun missu gie kkonsultat qabel saru dawn it-tibdiliet specjalment meta dan it-tibdil se jolqot direttament l-operat tar-Regjun.

Is-Sinj. Borg qablet ma’ dan u qalet kif had ma kkonsulta mar-Regjun qabel sar dan it-tibdil.

Il-President qal li lanqas hu ma kien jaf u meta sar jaf kien ikkomunika mas-Sur Michael Cohen fejn dan stqarr li lanqas hu ma kien infurmat.

L-Authorised Officer irrimarka li jekk se jizdiedu aktar seduti, ifisser li se jonqsu n-numru ta’ gwardjani mit-triq minhabba li dawn ikunu jridu jattendu t-tribunal.

Is-Sur Camilleri ppropona li ssir laqgha mal-Ministru Owen Bonnici dwar dan u li ghaliha xtaq ikun prezenti. Importanti wkoll li jattendi l-AO. Kien hemm qbil dwar dan.

L-A. Seg. Ezek qal li jekk jigu mwaqqfa iz-zewg haddiema part-timers, allura ir-Regjun ikun jinhtieg jimpjega zewg persuni full-time; persuna flok dawn iz-zewg part-timers u ohra addizzjonali minhabba t-tibdil fis-seduti tat-Tribunal.

Ghalhekk il-President ippropona li wara li jkun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali tinhareg sejha ghal-zewg impjegati full-time. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Sadanittant, ir-Regjun Centru qabel unanimament li ma hemmx ghalfejn tizdied gurnata ohra sabiex fiha jsiru s-seduti tat-Tribunal.

**MISTOQSIJIET**

Is-Sur Camilleri staqsa jekk fil-kuntratt tal-gwardjani hemmx xi haga dwar is-servizz tal-*clamping* minhabba li dan is-servizz bhalissa huwa inezistenti.
Il-President qal li kien ser ikellem lis-Sur Kenenth De Martino dwar dan is-servizz.

Is-Sur Camilleri qal ukoll li ricentament kien hemm kaz fejn il-Pulizija talbu biex karozza li kienet *scrapped* jitnehhewla l-multi pendenti li kien hemm fuqha sabiex jibda jaghmel uzu minnha l-Korp tal-Pulizija.
Il-President qal li l-Kumitat jitkellem dwar din il-materja fis-seduta li jmiss.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

***Progetti mill-flus ta’ l-LES***
Il-President qal li sa xahrejn ohra ghandu jkun hemm fondi ohra li jkunu jistghu jitqassmu fil-Kunsilli sabiex isiru aktar progetti.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 46  Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fis-6.30pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar it-Tnejn, 23 ta’ Gunju, 2014 fil-5.30pm

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President